L-AVUKAT ĠENERALI

IL-BELT VALLETTA

MALTA

Illum, 06 ta' Novembru 2025

ĊERTIFIKAT

B'dan niċċertifika illi d-dokumenti annessi ma' dan iċ-ċertifikat huma vera kopja tal-Process Verbal mill-atti tal-Inkjesta Magisterjali rigward:

**"Envelope suspettuż bi trab abjad indirizzat lil Dr.Jason Azzopardi minn persuna/i anonima/i ġewwa d-dar Central tal-Partit Nazzjonalista, Triq Herbert Ganado, Pieta fit-22 ta' Frar , 2019''**

**P.L Francesca Di Paolo**
**f/ Avukat Ġenerali**

**124/2025**

Inkjesta numru 6/19 Rapport numru 181/19

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT INKWIRENTI**
**DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum** 15 ta' Lulju 2019

**Process verbal dwar envelope suspettuz bi trab abjad indirizzat lil Dr. Jason Azzopardi minn persuna/i anonima/i gewwa d-dar Central tal-Partit Nazzjonalista, Triq Herbert Ganado, Pieta' fit-22 ta' Frar, 2019.**

Wara rapport verbali maghmul mill-iSpettur Wayne Camilleri, il-Magistrat Inkwirenti kienet mgharfa illi nhar it-22 ta' Frar, 2019 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs), il-Pulizija tad-Distrett ta' tas-Sliema gew infurmati mill-Kwartjieri Generali tal-Pulizija illi l-membru parlamentrari Dr. Jason Azzopardi kien ircieva envelop suspettuz li fih kien hemm xi trab abjad.

Illi l-Pulizija distrettwali ta' tas-Sliema marru immedjatament fuq il-post fir-residenza ta' Dr. Jason Azzopardi gewwa Galileo Apartment, Triq ix-Xatt, tas-Sliema, fejn ikkonfermaw dan ir-rapport u elevaw dan l-envelope suspettuz.

Illi dan l-envelop gie elevat billi tpogga go borza tal-evidenza sabiex jigi ezaminat forensikament.

Illi l-Pulizija distrettwali ta' tas-Sliema infurmaw lil Pulizija distrettwali tal-Hamrun minhabba li dan il-pakkett kien gie

indirizzat u migbut minn Dr. Jason Azzopardi mid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista li tinsab gewwa Triq Herbert Ganado, Pieta'.

Illi minn aktar stharrig li ghamlet il-Pulizija, irrizulta li dan l-envelope kien ingabar minn gewwa r-reception tad-Dar Centrali u li fuqu kien hemm indirizz Germaniz.

Illi meta gie mistoqsi Dr. Jason Azzopardi wiegeb li ma kellu ebda suspett min setgha battlu dan l-envelop.

Ghaldaqstant il-Magistrat Inkwirenti nnominat lill-iSpizjar. Godwin Sammut u PC 169 Jurgen Schembri bhala esperti sabiex jghinuha f' din l-inkjesta.

L-esperti nnominati minn din il-Qorti pprezentaw u halfu r-relazzjoni taghhom. Dawn jinsabu mehmuzin hawnhekk u jiffurmaw parti minn dan il-process-verbal.

Illi **l-iSpizjar. Godwin Sammut** ikkonkluda illi:

Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 026_19_01 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.55 grammi. Il-purita' ma setax issir minhabba l-ammont taht dak li hemm bzonn sabiex issir l-purita'. Din is - sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Magistrat Inkwirenti taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-esperti minnha nominati, u filwaqt li tissollecita lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha, qed taghlaq dan il-process-verbal bir-rizultanzi li ghandha, u tordna li kollox jintbaghat lill-Avukat Generali, fi zmien li trid il-ligi.

**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**